Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/2015

**Michael Vella (ID 193657M)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

28 ta' Marzu, 2017.

1. L-intimat appella mid-decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) tas-16 ta' Dicembru, 2014 li taqra:

   *"L-appellant spjega li wara l-korriment huwa mar il-poliklinika tal-Mosta u qalulu biex imur jaghmel il-fizjoterapija l-Furjana, izda huwa baqa' jaghmel xi xoghol ghax ma kienx fehem il-gravita' ta' dak li kellu; spicca biex kellu jigi operat f'Marzu li ghadda; huwa jghid li peress li ma kienx fehem il-gravita tal-ferita fi spallejh. Kien biss wara l-operazzjoni illi l-appellant applika ghall-Beneficcju ta' Korriment Fuq ix-Xoghol. Kien biss wara l-operazzjoni li mill-Isptar Mater Dei tawh il-karti biex ighaddihom id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.*

   *Peress li mill-provi li tressqu jidher li l-appellant ma kienx konxju mill-gravita' tal-korriment u bhala self-employed ipprova jahdem kif seta', wara l-operazzjoni li saritlu xorta baqa' u ghadu jistenna biex jigi operat fi spalltu l-ohr. Huwa applika meta sar jaf li kellu dritt jinghata din l-ghajnuna.*

   *L-Arbitru hu tal-fehma li dan l-appell ghandu jigi milqugh".*

2. L-aggravji tal-appellant huma:

   i. Applikazzjoni hazina tal-ligi.
   ii. Nullita' tas-sentenza minhabba nuqqas ta' motivazzjoni.

3. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant isostni li l-Arbitru naqas milli japplika l-artikolu 97(2)(a) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali.

   Skont l-artikolu 97(1) tal-Kap. 318, wahda mill-kundizzjonijiet sabiex persuna tkun intitolata ghal xi beneficcju hi li t-talba *".... tkun ufficjalment ricevuta mid-Dipartiment fil-limiti taz-zmien rispettivi stabbiliti bis-subartikolu (2)".*

   Fil-kaz ta' beneficcju ghal Mard u beneficcju ghal korriment, dan iz-zmien hu, ***"ghaxart ijiem li jibdew jghoddu mill-ewwel jum ta' inkapacita' ghax-xoghol"***.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li:

i. L-appellat wegga' fl-20 ta' Gunju, 2013;
ii. Fit-3 ta' Marzu, 2014 saritlu operazzjoni fi spalltu;
iii. Fil-15 ta' April, 2014 kien applika ghall-beneficcju;
iv. L-appellant irrifjuta l-applikazzjoni u baghat avviz datat 23 ta' April, 2014 fejn gharraf lill-appellat:

> *"B'riferenza ghat-talba tieghek ta' 15/04/2014 ghal Beneficcju ghal Korriment dwar id-disgrazzja li gratlek fl-20/6/2013 ghandi ninfurmk illi m'intix intitolat ghal beneficcju ghaliex it-talba tieghek ma saritx matul iz-zmien stabbilit".*

L-ghaxart ijiem jibdew jiddekorru mid-data meta l-appellant sar inkapaci ghax-xoghol. Fir-rikors tal-appell, l-appellant jaghti x'jifhem li l-ghaxart ijiem bdew ighaddu **mid-data tal-incident** (ara punt 5 f'dik il-parti tal-appell fejn elenka l-fatti, kif ukoll l-istess avviz). Pero' l-ligi ma tghidx hekk. Sahansitra l-Arbitru qal li kien irrizulta' li minkejja l-incident l-appellat kien baqa' jaghmel xi xoghol[1], u ghaldaqstant zgur li f'dak l-istadju ma kienx sar inkapaci ghax-xoghol. F'dan il-kaz m'hemmx prova cara meta l-appellant sar inkapaci ghax-xoghol, u ghalhekk il-qorti ma tistax tghid li l-applikazzjoni ghal beneficcju saret *fuori termine*.

Gialadarba:

(a) id-decizjoni tal-appellant kienet bazata fuq il-fatt li l-ghaxart ijiem bdew jiddekorru mid-data tal-incident;
(b) skont il-ligi l-ghaxart ijiem jiddekorru "mill-ewwel jum ta' inkapacita' ghax-xoghol";
(c) mill-provi l-arbitru kien sodisfatt li meta sehh l-incident l-appellant ma kienx inkapaci ghax-xoghol;

allura d-decizjoni tal-appellant kienet zbaljata.

4. Ghal dak li jikkoncerna l-aggravju dwar nullita' tad-decizjoni minhabba li l-appellant isostni li m'hijiex motivata, kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Joseph Debono vs Phonic Systems Limited** tad-19 ta' Mejju, 2004:

> *"Konsiderat il-punt mill-aspett tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, din il-Qorti ssib li l-gudizzju jipprovdi s-sodisfazzjoni minimu tar-raguni li wasslet lill-arbitru ghad-decizjoni tieghu. Anke jekk mhux elaborata din il-motivazzjoni kienet tibbasta biex tissodisfa r-regola bazika tal-gustizzja naturali. Dan ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, giet fornita r-raguni l-ghala t-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-appellat. Wiehed jista' ma jikkondividix din ir-raguni imma dan ma jfissirx illi l-element ta' motivazzjoni bazika li s-socjeta' appellanti kellha dritt ghaliha ma nghatax".*

[1] L-appellant hu self employed.

Id-decizjoni tal-arbitru fiha r-raguni li wasslitu biex jilqa' l-appell tal-appellat, irrispettivament taqbel jew ma taqbilx maghha. Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.